**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1082/2016 AF**

**Mr Messaging Limited (C-64127)**

**vs**

**Nemea Bank plc (C-45026)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Mr Messaging Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjeta' rikorrenti hija klijenta tas-socjetà intimata fil-kapacità taghha ta' bank kummercjali licenzjat u irregolat mill-Awtorità ghas-servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) skont il-ligi.

Is-socjetà rikorrenti fis-27 ta' Novembru 2014 fethet kont kurrenti mal-bank intimat liema kont igib in-numru **MT18NMEA25014000000000000019509**.

Skont l-istatement anness bhala **Dok M1** mahrug fit-8 ta’ Lulju 2016, id-depoziti netti tas-socjetà rikorrenti ma dan il-bank kienu jammontaw ghas-somma ta’ **tlett mija u tlettax-il elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€313,823.35)**.

Permezz ta’ avviz ghall-pubbliku mahrug mill-MFSA fis-27 ta' April 2016, is-socjetà rikorrenti saret taf illi l-bank intimat kien gie investigat minn ufficjali tal-MFSA f'operazzjoni kongunta ma’ ufficjali tad-**Directorate General Micro-Prudential Supervision** (DGMS) tal-**European Central Bank** (ECB) fejn irrizulta li kienu jezistu *"a number of serious regulatory shortcomings have been identified and the Authority has decided to take regulatory action to safeguard the interests of depositors"* kif jidher mill-kopja tal-Avviz anness bhala **Dok M2**.

Il-bank intimat kien unikament responsabbli ghal dawn il-mizuri li ttiehdu fil-konfront tieghu wara li huwa kiser arbitrarjament ir-regolamenti vigenti li jirregolaw il-licenzja bankarja tieghu.

L-MFSA konsegwentement qabbdet lid-ditta *PricewaterhouseCoopers* bhala entità kompetenti sabiex tissalvagwardja l-interessi tad-depozitanti inkluz is-socjetà rikorrenti.

In segwitu ghal dawn il-mizuri li ghadhom vigenti sallum, is-socjetà rikorrenti ma thallietx tigbed flusha mill-kont imsemmi salv ghall-*withdrawals* limitati awtorizzati.

Tul dawn l-ahhar seba’ (7) xhur li tulhom il-mizuri baqghu u ghadhom in vigore, s-socjetà rikorrenti in vista tal-korripsondenza elettronika skambjata kontinwament tul ix-xhur mal-ufficjal inkarigat minn *Pricewaterhouse Coopers* (esebita bhala Dok M3), dejjem giet accertata li s-sanzjonijiet tal-MFSA kienu ser jitnehhew f'qasir zmien u ghalhekk b'lejaltà lejn il-bank intimat, ir-rikorrenti ma wettqitx il-*withdrawals* awtorizzati.

Skont it-tieni avviz mahrug mill-MFSA fit-18 ta’ Lulju 2016 (anness bhala Dok M4), is-sanzjonijiet kontra l-bank intimat inbiddlu fis-sens illi l-klijenti tal-bank intimat thallew jigbdu s-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500.00) kuljum mill-limitu precedenti impost fis-27 ta’ April 2016 ta’ mitejn u hamsin Ewro (€250.00).

Ghaddew mitejn u hmistax-il (215) gurnata minn meta hareg dan l-avviz, illum il-gurnata s-socjetà rikorrenti **ghandha d-dritt li tigbed is-somma kollha dovuta fl-intier taghha inkluz l-imghaxijiet**[1].

Il-bank intimat baqa’ inadempjenti minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi u ghalkemm gie interpellat diversi drabi sabiex jaddivjeni ghall-hlas tas-somma dovuta inkluz permezz tal-Protest Gudizzjarju Numru: 186/16, notifikat lilu fit-3 ta’ Gunju 2016.

Din il-kawza kellha ssir bhala rimedju civili spettanti lis-socjetà rikorrenti u b'salvagwardja tal-interessi tal-azzjonisti, ufficjali u impjegati taghha.

L-ammont reklamat mis-socjetà rikorrenti hu dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimata illum m’ghandha l-

[1] (a) €250 x 81-il gurnata = **€20,250.00**; (b) €2,500 x 134-il gurnata = **€335,000.00.** Ghalhekk it-total ta' *withdrawals* awtorizzati mill-MFSA sallum = **€355,250.00**

ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament tad-dejn imsemmi.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 *et seq* sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tlett mija u tlettax-il elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€313,823.35) dovuta kif fuq inghad, bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas dan id-debitu, inkluz l-ispejjez tal-prezenti, dawk tal-Protest Gudizzjarju Numru: 186/16 kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru: 1644/16.

L-intimata hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tas-16 ta' Jannar 2017 u peress illi l-Qorti qieset li l-bank intimat seta' kellu eċċezzjonijiet xi jressaq, ingħata għoxrin jum żmien sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu għar-rikors maħluf tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bank intimat Nemea Bank plc, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok il-kawża kif hija impustata, in kwantu titlob kundanna lill-bank intimat sabiex iħallas l-ammonti depożitati mir-rikorrenti, hija improponibbli għaliex tikser u tmur dijametrikalment kontra l-ordnijiet regolatorji speċifiċi maħruġa mir-Regolatur l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) fuq il-Bank intimat u kwindi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Din il-kawża kienet ġjà improponibbli meta ġiet intavolata fis-

16 ta’ Jannar 2017 in vista ta’ sanzjonijiet regolatorji ġjà meħuda u saret aktar u aktar insostenibbli wara d-deċiżjoni tal-MFSA tal-20 ta’ Jannar 2017 li permezz tagħha sakemm ikun hemm deċiżjoni finali mill-Bank Ċentrali Ewropew l-MFSA poġġiet speċifikatament divjet assolut fuq il-ġbid (*withdrawal*) tal-ammonti depożitati mid-depożitanti.

Il-Bank esponent huwa obbligat illi jimxi skond is-sanzjonijiet maħruġa mill-MFSA u d-dispożizzjonijiet tal-liġi u għalhekk ma jistax jiġi penalizzat għaliex jobdi l-liġi u d-direttivi u s-sanzjonijiet maħruġa mill-MFSA  u aktar minn hekk ma jistax jiġi mitlub jew ordnat illi jagħmel xi haġa illi tmur kontra l-liġi jew kontra kull direttiva jew sanzjoni illi tista’ tohrog l-MFSA u dan ukoll għaliex tali vjolazzjoni tista’ tirriżulta f’sanzjonijiet ta’ natura penali kontra id-diretturi tal-Bank u l-*Competent Person* tal-istess.

Fiċ-ċirkostanzi regolatorji kif inhuma llum (u kif kienu fid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna) il-fatt waħdu biss illi r-rikorrent huwa depożitant ta’ ammonti f’kontijiet bankarji mal-intimat ma jintitolahx jipproponi kawża bħal dik odjerna.  Il-kummerċ bankarju ma jeżistix f’xi vakwu regolatorju u r-relazzjoni bejn il-partijiet f’din il-kawża mhix sempliċi relazzjoni ta’ natura ċivili kif qed jipprova jpenġiha r-rikorrent (depożitu). Għall-kuntrarju hija relazzjoni li teżisti f’qafas regolatorju dettaljatissimu u l-Bank esponenti mhux sempliċi depożitarju li minn għandu tista’ titlob lura l-oġġett jew il-flejjes depożitati f’kuntratt sempliċi ta’ depożitu jew mutwu iżda entità liċenzjata ai termini tal-Kap. 371 illi jrid isegwi d-dettami tar-Regolatur tas-suq, speċjalment f’sitwazzjoni bħal dik odjerna f’kuntest ta’ “*Competent Person*” appuntat proprju sabiex imexxi b’ordni s-sitwazzjoni regolatorja li jinsab fiha l-Bank intimat u jiġu evitati sitwazzjonijiet bħall-kawża odjerna.

Il-Bank esponent mhuwiex jimpedixxi l-aċċess għad-depożiti tas-soċjetà rikorrenti u lanqas ma huwa l-Bank esponenti responsabbli għal xi aġir li wassal għal din is-sitwazjoni odjerna fejn il-flus tas-soċjetà rikorrenti mhux qegħdin jiġu rilaxxati.

Di più, s-soċjetà esponenti tkun qegħdha tikser il-liġi jekk titħalla tiġbed il-flus f’darba minflok skond kif ġie ordnat mill-

MFSA u kull tip ta' azzjoni illi tmur kontra d-direttivi u s-sanzjonijiet tal-MFSA tista' toħloq konfuzjoni legali u preġudizzju ta' natura irrimedjabbli kemm għall-Bank kif ukoll għall-investituri/depożitanti nfushom.

Il-Bank esponent jeċċepixxi illi, fi kwalunkwe każ, fattwalment mhux l-aġir lanjat mir-rikorrenti illi ħoloq is-sitwazzjoni illi dwarha qegħda tilmenta s-soċjetà rikorrenti u ċertament ir-rikorrenti ma tistax titlob li tiġi kumpensata għan-nuqqasijiet tagħha stess u dan partikolarment għaliex kieku imxiet mad-direttiva tal-MFSA li kienet tippermetti lid-depożitanti kollha sabiex jiġbdu ammonti ta' kuljum meta kien il-waqt, illum ir-rikorrenti kienet tkun ġibdet l-ammont kollu, bħal ma fil-fatt għamlu depożitaturi oħrajn klijenti tal-Bank esponent.

Fi kwalunkwe każ it-talbiet odjerni huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jittresqu mill-eċċipjenti skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kollha ta' dawn l-atti kontra r-rikorrenti, minn issa intimati in subizzjoni.

Il-fatti kif magħrufa bill-Bank esponent u konfermati bil-ġurament tal-*Competent Person*, Fabio Axisa, huma is-segwenti u mhux fattwalment korretta l-verżjoni tal-fatti mogħtija fir-rikors promotur.

Il-Bank esponent huwa bank regolat mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) skond il-liġijiet applikabbli.

Matul s-sena 2016 u 2017, il-Bank esponent ġie milqut minn diversi sanzjonijiet regolatorji maħruġa mill-MFSA, liema sanzjonijiet kienu jinkludu direttivi ċari u immedjatament infurzabbli li jwaqqfu lil-Bank esponent milli jkun jista' jirrilaxxa flejjes lid-depożitanti illi kellhom depożiti miegħu jekk mhux skont it-termini stretti ta' tali sanzjonijiet regolatorji.

Dawn is-sanzjonijiet huma maħruġa mill-MFSA bħala l-Awtorità kompetenti ai termini ta' Arikolu 4B tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 16(2)(b) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjari (Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta).

Oltre minn hekk, *ai termini* tal-Artikolu 15A(1)(b) u (c) tal-Att tas-Servizzi ta' Investiment (Kap 370 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 29(1)(c) u (d) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap 371 tal-Liġijiet ta' Malta), l-MFSA, fit-27 ta' April tas-sena 2016 appuntat bħala *Competent Person* id-ditta ta' awdituri PriceWaterhouseCoopers (PwC) sabiex tmexxi l-assi tad-detentur tal-liċenzja, cioè il-Bank esponent, u tieħu kontroll tan-negozju bankarju u tal-investimenti fl-interess tad-depożitaturi u kredituri kollha.

Dawn is-sanzjonijiet ġew spjegati mill-MFSA lill-pubbliku permezz ta' lista ta' domandi u risposti illi qegħdin jiġu hawn anessi u mmarkati bħala '**Dokument NB 1**'.

Dawn id-direttivi u l-passi regolatorji maħruġa mill-MFSA fil-konfront tal-Bank esponent, jinkludu il-waqfien assolut ta' depożiti minn klijenti tagħhom u restrizzjoni fuq ġbid ta' flus sa massimu ta' elfejn u ħames mitt Ewro (EUR 2500) kuljum u dan skond it-tieni avviż maħruġ mill-MFSA fit-18 ta' Lulju tas-sena 2016 (ara hawn anness u mmarkat bħala '**Document NB 2'**.

Fl-20 ta' Jannar tas-sena 2017 l-MFSA ippublikat lista aġġornata ta' domandi u risposti sabiex tispjega aħjar is-sanzjonijiet maħruġ minnha (hawn annessa u mmarkata bħala '**Document NB 3'**) u kif ukoll ħarget avviż ieħor sabiex tinforma lil pubbliku illi in vista tal-proposta tagħha lil European Central Bank sabiex tiġi irtirata l-liċenzja tal-Bank esponent, kull depożitarju tal-istess Bank kien qiegħed jiġi projbit milli jiġbed id-depożiti tiegħu u dan bħala miżura kawtelatorja sabiex tissalvagwardja l-assi tal-Bank esponent u tiżgura illi d-depożitaturi kollha jiġu trattati b'mod ugwali (ara hawn anness u mmarkat bħala '**Dokument NB 4'**).

Premessa numru 5 tas-soċjetà rikorrenti hija skoretta u dan għaliex mhuwiex l-aġir tal-Bank esponent illi qiegħed jimpedixxi l-aċċess għad-depożiti tar-rikorrenti u lanqas ma huwa l-Bank eponenti responsabbli għal xi aġir li wassal għal din is-sitwazjoni odjerna fejn il-flus mhux qed jiġu rilaxxati, iżda tali sitwazzjoni hija riżultat tal-ordni maħruġa mil-MFSA kif hawn fuq spjegata, liema ordni, l-Bank esponent, flimkien mad-depożitaturi kollha, huwa obbligat illi jħares.

Ma huwa assolutament minnu xejn illi l-Bank esponent qiegħed b'xi mod *sua sponte* jonqos milli jonora l-obbligi kuntrattwali tiegħu mad-depożitant rikorrenti, iżda sempliċiment għaliex huwa kolpit minn sanzjonijiet regolatorji li naturalment jorbtuh, huma enforzabbli kontrih u qed iwaqqfuh milli jagħmel dak rikjest mir-rikorrenti odjerna.

Għalhekk il-Bank esponent ma jistax – sakemm idumu fis-seħħ tali sanzjonijiet – jiġi kundannat iħallas il-fondi kif qed jintalab illi jagħmel mir-rikorrenti, jekk mhux skond l-ordnijiet mogħtija mill-MFSA fis-sanzjonijiet tagħha.

Il-Bank esponent ma jistax jiġi penalizzat għaliex qiegħed jobdi l-liġi u l-imsemmija sanzjonijiet u wisq anqas ma jista jiġi mitlub jew ordnat illi jagħmel xi haġa kontra l-liġi jew kontra l-imsemmija sanzjonijiet u dan ukoll għaliex il-vjolazzjoni ta' tali sanzjonijiet jista' jirriżulta f'passi kemm kriminali mibdija mill-MFSA ai termini tal-Artikolu 35 tal-Kap 371, kif ukoll f'miżuri amministrattivi jew dixxiplinari ħorox mingħajr ħtieġa ta' smigħ fil-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 35A tal-istess Att fil-konfront tal-Bank esponent.

Dak illi jingħad fi premessa numru 7, illi s-soċjetà rikorrenti ma tħallietx tiġbed flusha mill-kont, mhuwiex minnu u għal kuntrarju s-soċjetà rikorrenti ingħatat il-faċilità, tul dawn l-aħħar xhur illi jiġbdu d-depożiti tagħhom skond it-tieni avviż maħruġ mill-MFSA billi jiġbdu sa mhux aktar minn elfejn u ħames mitt ewro (Euro 2500) kuljum, ħaġa illi s-soċjetà rikorrenti odejrna ma għamlitx użu minnha u għal raġunijiet li taf hija biss ma ġibditx l-ammonti massimi ta' kuljum konċessi mir-regolatur.

Dan ġie konfermat minnha stess fi premessa numru 9 u għalhekk isegwi illi premessa numru 7 u premessa numru 9 tar-rikors promotur huma kontraddittorji.
Kontra għal dak illi ġie eċepit fi premessa numru 8, fl-ebda mument il-Bank esponent jew il-*Competent Person* ma informaw lis-soċjetà rikorrenti illi hija kellha toqghod lura milli tiġbed il-flus imsemmija u lanqas ma informaw lis-soċjetà rikorrenti illi l-MFSA kienet ser tneħħi s-sanzjonijiet imposti u dan għaliex dan ma kiex kompitu tagħhom u lanqas kien fl-għarfien tagħhom iżda kienet biss l-MFSA illi setgħet tagħti din it-tip ta' informazzjon.

Fi premessa numru 10 is-soċjetà rikorrenti qegħda tippretendi illi titħalla tmur kontra l-liġi u d-direttivi tal-MFSA fejn din tal-aħħar ordnat illi jistgħu isiru biss *withdrawals* ta' elfejn u ħames mitt ewro (EUR 2500) kuljum, u minflok tivvinta metodu ieħor kif tiġbed is-somma kollha fl-intier tagħha u sabiex tkun aktar komda u ma tidħolx fl-iżbrigu illi tagħmel *withdrawal* kuljum.

In vista tas-suespost, kontra dak eċepit fi premessa numru 11 mis-soċjetà rikorrenti, il-Bank esponent kellu fil-fatt kull raġuni valida fil-liġi illi jonqos milli jħalli lis-soċjetà rikorrenti tiġbed il-flus kontra l-ordinjiet u d-direttivi tal-MFSA.

It-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, jekk jiġu milqugħa, barra illi ser joħolqu konfuzjoni legali, sejrin ukoll ipoġġu lis-soċjetà rikorrenti f'posizzjoni preferuta bi preġudizzju għad-drittijiet tad-depożitaturi l-oħra tal-Bank esponent u dan propju kontra dak illi l-liġi qed tipprova tevita u kontra l-aħħar avviż illi ħarġet l-MFSA fl-20 ta' Jannar tas-2017 fejn saħqet dwar l-importanza illi d-depożitaturi kollha jiġu trattati b'mod ugwali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' riduzzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi rriduċiet it-talba tagħha għal €213,823.35.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensur tal-bank intimat.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' flus miżmuma f'kont bankarju. Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi kienet fetħet kont kurrenti mal-bank intimat fis-27 ta' Novembru 2014 u dakinhar li ġiet ippreżentata din il-kawża, kellha f'dan il-kont is-somma ta' €313,823.35.

Skont Avviż għall-Pubbliku maħruġ mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'MFSA') tas-27 ta' April 2016, il-bank intimat kien qiegħed jiġi investigat mill-uffiċjali tagħha u rriżulta li '*a number of serious regulatory shortcomings have been identified and the Authority has decided to take regulatory action to safeguard the interest of depositors*'. Konsegwentement, l-MFSA inkarigat lid-ditta ta' awdituri PricewaterhouseCoopers (minn issa 'l quddiem imsejħa 'PwC') bħala l-'persuna kompetenti' skont il-Liġi (L-att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex tamministra l-bank u tissalvagwardja l-interessi tad-depożitanti, inkluż dawk tas-soċjetà attriċi. Il-*withdrawals* tal-fondi tad-depożitanti mill-bank ġew limitati għal massimu ta' €250 kull depożitant, kuljum.

L-ewwel direttiva tal-MFSA fejn ħatret lid-ditta PwC biex tamministra l-bank, kienet saret '*(1) to take charge of the assets of the Bank for the purposes of safeguarding the interests of depositors and its other clients; and (2) to assume the control of the Bank's business and to carry on that business and such other business as the MFSA may direct.*'

Fit-18 ta' Lulju 2016, inħareġ it-tieni avviż mill-MFSA li infurmat lill-pubbliku li minn dakinhar, setgħu jsiru *withdrawals* mid-depożitanti sal-ammont massimu ta' €2,500 kull depożitant.

Tul ix-xhur qabel ġiet intavolata l-kawża, id-diriġenti tal-attriċi kienu jżommu kuntatt regolari ma PwC, prinċipalment ma' Fabio Axisa, partner tal-istess ditta. L-attriċi, tramite d-

diriġenti tagħha, tinsisti li hija dejjem ġiet aċċertata li s-sanzjonijiet tal-MFSA kienu ser jitneħħew fi żmien qasir. L-attriċi tgħid li għalhekk, b'lealtà lejn il-bank intimat, ma wettqitx il-*withdrawals* kuljum kif kellha dritt illi tagħmel skont id-direttivi tal-MFSA. Meta l-attriċi rat li xhur wara kollox kien għadu l-istess, hija fetħet din il-kawża.

Fl-20 ta' Jannar 2017, jiġifieri ftit wara li l-attriċi intavolat din il-kawża, l-MFSA ħarġet Avviż Pubbliku ieħor fejn inter alia stqarret li:

> "*Minkejja t-talbiet ripetuti, sal-lum ebda progress tanġibbli ma ġie reġistrat biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti regolatorji. Billi din is-sitwazzjoni ma tistax tiġi sostnuta b'mod indefinit mingħajr detriment lid-depożitanti, l-Awtorità issa ddeċidiet li tipproponu lill-BĊE l-itrirar tal-liċenzja mogħtija lill-Bank taħt l-Att dwwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371. Din il-miżura ttieħdet mill-Awtorità fl-interess tad-depożitanti tal-Bank.*
>
> *Sakemm tingħata d-deċiżjoni finali tal-BĊE dwar l-irtirar tal-liċenzja, qed titpoġġa b'effett immedjat projbizzjoni fuq l-irtirar ta' depożiti bħala miżura ta' prekawzjoni biex jiġu salvagwardjati l-assi tal-Bank u biex ikun assigurat trattament ugwali tad-depożitanti. Aktar minn hekk, il-Persuna Kompetenti se tibqa' fil-kariga sakemm jinħareġ avviż ulterjuri.*"

Konsegwentement, l-MFSA ħadet id-deċiżjoni li tordna divjet fuq il-*withdrawals* tal-flus depożitati l-bank, inkluż tal-attriċi. Dan l-avviż jidher li għadu validu sal-lum.

Fil-mori tal-kawża l-attriċi rċeviet is-somma ta' €100,000 permezz tal-iskema ta' Kumpens lill-Investitur u allura rriduċiet il-pretensjonijiet tagħha kontra l-bank intimat b'dan l-ammont.

Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Marzu 2017, il-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'BĊE') irtira l-liċenzja tal-bank intimat. Din id-deċiżjoni qiegħda tiġi kontestata mis-sidien tal-istess bank. Il-proċeduri għadhom għaddejjin. Fabio Axisa, partner mad-ditta PwC, xehed illi għal bidu deher illi kien

hemm likwidità biżżejjed biex tkopri d-depożiti kollha iżda lejn l-aħħar tas-sena 2016 irriżulta li numru ta' assi tal-bank kienu kompromessi u li l-azzjonisti ma kienux ser jagħmlu tajjeb għad-differenza. B'hekk, il-BĊE ħa passi u ġiet irtirata l-liċenzja. L-awdituri għadhom sal-lum jippruvaw iħallsu lid-depożitanti.

Fabio Axisa iżid jgħid illi huma dejjem għamluha ċara mad-depożitanti li kollox kien jiddependi minn kif se jġibu ruħhom l-azzjonisti mar-Regolatur. Huwa spjega wkoll li l-maġġor parti tad-depożitanti ġibdu kollox u li llum il-bank, amministrat minn PwC, qiegħed fil-proċess li jiġbor flusu fl-ammont ta' madwar €7,000,000 biex b'hekk ikun jista' jħallas lid-depożitanti rimanenti.

Il-bank intimat jeċċepixxi preliminarjament illi l-attriċi ma tistax titlob il-kundanna tiegħu biex iħallas l-ammont depożitat mill-istess attriċi għaliex dan imur kontra l-ordnijiet maħruġa mill-MFSA ai termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

L-attriċi tinsisti li nonostante li l-bank intimat huwa miżmum milli jippermetti *withdrawals* mill-MFSA, hija għandha dritt illi tieħu d-depożiti kollha tagħha fdaqqa u għamlet mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif ukoll din il-kawża biex tkun tista' tieħu flusha kollha flimkien.

Stabbilit illi l-bank intimat huwa soġġett għal sanzjonijiet regolatorji meħudin kemm taħt il-liġi Maltija kif ukoll fl-ambitu tal-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea u dan fl-interess tad-depożitanti kollha, bl-iskop li tinżamm l-istabilità fis-sistema bankarja, din il-Qorti tibda billi tenfasizza li irid jiġi żgurat illi fl-aħħar mill-aħħar dawn il-miżuri regolatorji jiġu osservati.

L-attriċi ma tikkontestax illi l-MFSA kellha kull dritt li timponi dawn is-sanzjonijiet u ordnijiet fuq il-bank intimat. Il-Qorti hija perplessa kif allura qiegħda tippretendi li din il-Qorti tinjorahom u tordna lill-bank iħallas bħal donnu ma jeżistux.

L-awditur Fabio Axisa kien jaġġorna lid-diriġenti tal-attriċi bl-iżviluppi importanti. Imma wara ftit xhur mingħajr ma seħħ il-progress li xtaqu, jidher li bdew jitilfu l-paċenzja. Bħal

donnhom kienu qed jistennew li għax għadda ħafna żmien, l-operat tal-bank kellu jerġa jmur għan-normal jew tal-inqas li s-sanzjonijiet ma jibqgħux japplikaw fil-konfront tagħhom.

L-attriċi m'għandha l-ebda dritt illi ma toqgħodx għas-sanzjonijiet regolatorji imposti mir-regolatur, kif qiegħda tippretendi li tagħmel, liema sanzjonijiet inħarġu biex jipproteġu d-depożiti tad-depożitanti kollha tal-bank. L-attriċi ma tistax tippretendi li tieħu li trid a skapitu tad-depożitanti l-oħra daqslikieku kienet kwalunkwe kreditur.

Dawn is-sanzjonijiet regolatorji ttieħdu proprju sabiex jiġu protetti d-depożiti li kien hemm fil-Bank u sabiex id-depożitanti kollha jiġu trattati bl-istess mod u l-ebda depożitant ma jieħu vantaġġ fuq ieħor.

Li kieku kull depożitant jitħalla jieħu flusu lura kif irid, billi sempliċiment jiftaħ kawża quddiem din il-Qorti, dan effettivament ikollu l-konsegwenza inevitabbli li jġib fix-xejn is-sanzjonijiet regolatorji li ttieħdu fl-interess tad-depożitanti kollha permezz tad-direttivi tal-MFSA u tal-BĊE.

Kif sewwa qiegħed jiġi eċċepit wkoll, il-bank intimat ikun qiegħed jikser il-liġi jekk l-attriċi titħalla tiġbed flusha kollha f'darba għaliex dan imur kontra d-direttivi u sanzjonijiet tal-MFSA u jista' joħloq preġudizzju irrimedjabbli kemm għall-bank kif ukoll għal depożitanti oħra.

Il-bank intimat jeċċepixxi imbagħad li huwa mhuwiex jimpedixxi l-aċċess għad-depożiti u lanqas ma huwa responsabbli għal-aġir li wassal għas-sitwazzjoni odjerna. Il-bank jeċċepixxi wkoll li kieku l-attriċi mxiet mad-direttivi tal-MFSA li kienu jippermettu lid-depożitanti kollha jiġbdu ammonti ta' kuljum, kieku sa meta intavolat il-kawża, l-attriċi kienet tkun laħqet ġibdet l-ammont kollu li għandha depożitat.

L-attriċi tgħid illi l-bank intimat huwa unikament responsabbli għal dawn il-miżuri li ttieħdu fil-konfront tiegħu. Meta xehed in kontro eżami, Rex Ellis, *Chief Financial Officer* mal-attriċi, jallega li s-sitwazzjoni li sabet fiha llum l-attriċi hija konsegwenza diretta tal-mod li PwC amministrat l-interessi tal-

bank. Jgħid li r-rappreżentanti ta' PwC żgwidawhom billi tawhom l-impressjoni li s-sanzjonijiet kienu ser jitneħħew fil-futur qarib u li kienu jassigurawh li l-bank għandu biżżejjed assi sabiex jitħallsu d-depożitanti.

Il-Qorti ftit li xejn għandha dubju li l-bank intimat sab ruħu fis-sitwazzjoni preżenti unikament bl-aġir tiegħu u ma taqbilx mal-bank meta jgħid li ma jistax jinżamm responsabbli għall-aġir li wassal għas-sitwazzjoni odjerna. Il-bank sab ruħu fis-sitwazzjoni preżenti unikament minhabba l-mod kif tmexxa. Imma din mhijiex kawża għad-danni. Jista' jkun li huwa minnu wkoll li d-diriġenti tal-attriċi ngħataw x'jifhmu li kien hemm tama li kollox ser imur lura għan-normal u li l-bank kellu likwidità biżżejjed. B'daqshekk ma jfissirx illi b'xi mod jaħtu PwC għaċ-ċirkostanzi tal-lum u fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma tistax tinjora l-liġijiet li jirregolaw istituzzjonijiet finanzjarji li permezz tagħhom saru s-sanzjonijiet u jieħdu flushom lura bħal li kieku s-sanzjonijiet mhumiex qegħdin hemm.

L-attriċi ma kienitx kuntenta bil-livell ta' komunikazzjoni ma PwC u jidher li bdiet tilmenta ma' Fabio Axisa dwar dan sa kważi mill-bidu nett. Il-Qorti ma tistax ħlief tistaqsi allura għalfejn l-attriċi ma bdietx tiġbed il-flus? Żgur li mhux għax kienet ġenwinament temmen li l-problemi kollha ser jiġu riżolti mil-lum għal għada. Fl-24 ta' Ġunju 2016 Rex Ellis kien diġà qiegħed jilmenta li dak li ġew mwegħda ma twettaqx.

Jirriżulta li kieku l-attriċi esegwiet il-*withdrawals* kif kellha dritt illi tagħmel, għal bidu bir-rata ta' €250 kuljum u sussegwentement bir-rata ta' €2,500 kuljum, hija kienet tkun ġibdet il-flus kollha li kellha depożitati mal-bank u ma kienx ikollha għalfejn tagħmel din il-kawża.

Għar-raġunijiet tagħha, l-attriċi ma ridetx timxi mad-direttivi tal-MFSA u tesegwixxi *withdrawals* kuljum biex fi ftit xhur tkun ħadet flusha lura. Fabio Axisa jispjega illi anke s-Sibt u l-Ħadd setgħu jingibdu l-flus u dan seta' jsir ukoll elettronikament jew permezz ta' struzzjonijiet f'*e-mail*.

Ċertament li dan, id-diriġenti tal-attriċi m'għamluhx mhux minħabba xi lealtà lejn il-bank, imma għax ma kienx jaqblilhom

jagħmlu mod ieħor. L-interess ewlieni tal-attriċi hu li tippreżerva l-assi tagħha u lealtà lejn il-bank intimat żgur li ma tiffigurax.

Il-Qorti tinnota li d-diriġenti tal-attriċi jikkontradixxu lilhom infushom dwar ir-raġuni vera għalfejn ma ġibdux il-flus meta setgħu. Fl-affidavit tiegħu, id-direttur Robin Sullivan jallega li ma kienitx tagħmel sens li jiġbed il-flus skont id-direttivi tal-MFSA minħabba l-*bank charges* kif ukoll għaliex PwC assigurawhom li l-kwistjoni ser tiġi riżolta fi żmien qasir. Madanakollu, meta xehed in kontro eżami, ix-xhud l-ewwel jistqarr li huwa ma kienx jaf li l-bank fil-fatt kien irrinunzja għal dawn il-*bank charges* imma imbagħad donnu jitfixkel u minflok jgħid li kienu staqsew għal rinunzja imma li PwC ma aċċettawx.

Iżda waqt li kien qiegħed isirlu l-istess kontro eżami, ix-xhud ammetta li fil-fatt il-flus ma riedux jiġbduhom għaliex ma kellhomx kont bankarju ieħor hawn Malta. Altru milli ma ġibdux il-flus fuq talba ta' PwC biex ma jkomplux jagħmlu pressjoni fuq il-bank. Il-Qorti tinnota wkoll illi x-xhud Rex Ellis terġa u tgħid joħroġ bi skuża differenti meta in kontro eżami xehed illi l-flus ma kienux ġibduhom għaliex kienu ser idumu wisq.

Finalment, il-Qorti ttenni illi l-bank huwa obbligat jimxi skont is-sanzjonijiet maħruġa mill-MFSA. Ma jistax jiġi mitlub jew ordnat jagħmel xi ħaġa li tmur kontra l-liġi jew kontra direttivi jew sanzjonjiet li toħroġ l-MFSA u/jew l-BĊE. Il-fatt waħdu li l-attriċi hija depożitant mal-bank intimat ma jfissirx li għandha d-dritt li tikseb suċċess f'din il-kawża. Kif sewwa jeċċepixxi l-bank intimat, il-kwistjoni mhijiex sempliċiment waħda ta' relazzjoni ċivili bejn bank u depożitant kif donnha qed tippretendi l-attriċi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attriċi, tiċħad it-tieni talba.

L-ispejjeż a karigu tas-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG